




European Securities and
Markets Authority

Linji Gwida

dwar trasferiment ta' data bejn Repożitorji tat-Tranżazzjonijiet



Werrej

1	Kamp ta' applikazzjoni.....	3
2	Glossarju ta' kunċetti u termini.....	4
3	Akronomi użati	5
4	Għan	6
5	Konformità.....	7
6	Linji Gwida.....	7
7	Anness I – Proċedura għat-trasferiment ta' data fuq talba ta' parteċipant TR	11
8	Anness II – Proċedura għal migrazzjoni f'każ li tiġi rtirata reġistrazzjoni	13

1 Kamp ta' applikazzjoni

Min?

1. Dawn il-linji gwida japplikaw għal Repożitorji tat-Tranżazzjonijiet (TRs) reġistrati jew rikonoxxuti skont l-EMIR.

Xiex?

2. Dawn il-linji gwida japplikaw fir-rigward ta':
 - a. Ir-rapportar mingħajr duplikazzjoni tad-dettalji tad-derivattivi minn kontropartijiet u CCPs skont l-Artikolu 9(1) tal-EMIR,
 - b. It-trasferiment tad-data dwar id-derivattivi bejn repożitorji tat-tranżazzjonijiet fuq talba tal-kontropartijiet għal derivattiva, jew l-entità li tirrapporta f'isimhom, jew fis-sitwazzjoni koperta mill-Artikolu 79(3) tal-EMIR, u
 - c. Iż-żamma tar-reġistri tad-dettalji tad-derivattivi skont l-Artikolu 80(3) tal-EMIR.

Meta?

3. Dawn il-Linji Gwida japplikaw mis-16 ta' Ottubru 2017.

2 Glossarju ta' kunċetti u termini

4. Id-definizzjonijiet, il-kunċetti u t-termini kollha li jintużaw fl-EMIR, fl-RTS u l-ITS attwali dwar ir-rapportar¹, fl-RTS u l-ITS emendati dwar ir-rapportar², fil-M&T u f'dawn il-linji gwida jintużaw bl-istess tifsira.
5. Barra minn hekk, għall-fini ta' dawn il-linji gwida, l-ESMA tiddefinixxi l-kunċetti li ġejjin li jintużaw sabiex jintwerew aħjar is-sitwazzjonijiet differenti li jistgħu jseħħu.
6. Jenġtiegħ li l-“entità li tissottometti r-rapport” (minn hawn ‘il quddiem RSE), li hija waħda mill-oqsma tal-kontroparti tal-istandards tekniċi emendati dwar ir-rapportar³, tinftiehem bħala l-entità li daħlet f'relazżjoni kuntrattwali ma' TR reġistrat jew rikonoxxut u din:
 - a. Tirrapporta biss in-naħa tagħha tal-kuntratt tad-derivattivi, f'liema każ din tikkoinċidi mal-kontroparti tar-rapportar tal-kuntratt.
 - b. Tirrapporta biss derivattivi fejn hija tkun waħda mill-kontropartijiet, f'liema każ din tikkoinċidi mal-kontroparti tar-rapportar tal-kuntratt jew mal-kontroparti l-oħra, u
 - c. Tirrapporta derivattivi fejn din tista' tkun jew ma tistax tkun waħda mill-kontropartijiet.
7. “Parteċipant TR”⁴ huwa entità li għandha ftehim kuntrattwali bl-għan li tirrapporta l-kuntratti tad-derivattivi skont l-Artikolu 9 tal-EMIR b'mill-inqas TR wieħed reġistrat jew rikonoxxut. Il-parteċipant TR jista' jkun RSE, jew kontroparti li tirrapporta jew CCP, li għandha aċċess “ara biss” għal TR.

¹ REGOLAMENTO TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 148/2013 tad-19 ta' Diċembru 2012 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji dwar id-dettalji minimi tad-data li trid tiġi rrapportata lir-repożitorji tat-tranżazzjonijiet, L52, ĠU L 23.2.2013, p.1.

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1247/2012 tad-19 ta' Diċembru 2012 li jstipula standards tekniċi ta' implimentazzjoni rigward il-format u l-frekwenza tar-rapporti tan-negozju lir-repożitorji tat-tranżazzjonijiet skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet, L352, ĠU 21.12.2012, p. 20

² REGOLAMENTO DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/104 tad-19 ta' Ottubru 2016 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) Nru 148/2013 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-dejta dwar it-tranżazzjonijiet fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji dwar id-dettalji minimi tad-dejta li trid tiġi rrapportata lir-repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet, L17, ĠU 21.1.2017, p.1

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/105 tad-19 ta' Ottubru 2016 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1247/2012 li jstipula standards tekniċi ta' implimentazzjoni rigward il-format u l-frekwenza tar-rapporti tan-negozju lir-repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-dejta dwar it-tranżazzjonijiet L17, ĠU 21.1.2017, p.17

³ https://www.esma.europa.eu/system/files/force/library/2015/11/2015-esma-1645_-_final_report_emir_article_9_rts_its.pdf

⁴ Xi TRs jistgħu jispeċifikaw ukoll it-tipi ta' parteċipanti TR bħal parteċipanti ta' rapportar, rapportar ġenerali, nuqqas ta' rapportar, eċċ. Mill-perspettiva ta' dawn il-linji gwida, dawn is-subbkategoriji huma trasparenti.

3 Akronomi użati

CCP	Kontroparti Ċentrali
EMIR	Regolament dwar l-Infrastruttura tas-Suq Ewropew – Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet – imsejjaħ ukoll “ir-Regolament”
ESMA	Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq
UE	Unjoni Ewropea
ISO	Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni
ITS	Standards Tekniċi ta’ Implimentazzjoni
LEI	Identifikatur tal-entità ġuridika
MAR	Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ April 2014 dwar l-abbuż tas-suq (regolament dwar l-abbuż tas-suq).
MiFIR	Ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012
MMSR	Regolament (UE) Nru 1333/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-26 ta’ Novembru 2014 dwar l-istatistika tas-swieq monetarji
NCA	Awtorità Nazzjonali Kompetenti
ĠU	Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea
OTC	Barra l-Borża
M&T	Mistoqsijiet u Tweġibiet
RTS	Standards Tekniċi Regolatorji
SFTR	Regolament (UE) Nru 2015/2365 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Novembru 2015 dwar it-trasparenza ta’ tranżazzjonijiet ta’ finanzjament tat-titoli u l-użu mill-ġdid u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012
TR	Repożitorju tat-tranżazzjonijiet

UTI	Identifikatur Uniku tat-Tranżazzjoni
XML	Lingwaġġ tal-Immarkar Estensibbli
XSD	Definizzjoni ta' Skema XML

4 Għan

8. Għalhekk, l-għan ta' dawn il-linji gwida huwa maqsum fi tlieta:
 - a. It-tneħħija tal-ostakoli tal-portabbiltà mill-ambjent TR kompetittiv li jirfed l-EMIR, u l-iżgurar li l-parteċipanti TR ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-ambjent TR multiplu;
 - b. L-iżgurar tal-kwalità tad-data disponibbli għall-awtoritajiet, inklużi l-aggregazzjonijiet imwettqa mit-TRs, anke meta l-parteċipant TR jibdel it-TR li lilu jirrapporta u irrISPettivament mir-raġuni għal tali bidla;
 - c. L-iżgurar li hemm mod konsistenti u armonizzat li bih jiġu trasferiti r-reġistri minn TR għal TR ieħor u l-appoġġ għall-kontinwità tar-rapportar u r-rikonċiljazzjoni fil-każijiet kollha inkluż l-irtirar tar-reġistrazzjoni ta' TR.
9. Il-ħtieġa għal trasferiment tad-data f'TR ieħor tista' tinħoloq għal diversi raġunijiet. Għalhekk, il-linji gwida jindirizzaw b'mod separat is-sitwazzjonijiet fejn (i) it-trasferiment huwa dovut għall-irtirar tar-reġistrazzjoni tat-TR mill-każijiet li fihom (ii) it-trasferiment isir fuq bażi volontarja u skont kundizzjonijiet tas-suq normali. L-inċentivi u l-motivazzjonijiet għall-partijiet rilevanti f'kull wieħed miż-żewġ każijiet ikunu differenti u għalhekk hemm bżonn ta' approċċ speċifiku f'kull sitwazzjoni partikolari.
10. Il-linji gwida jstabbilixxu prinċipji ta' livell għoli li jeħtieġ li jiġu segwiti mill-parteċipanti TR, pereżempju RSE, kontropartijiet u CCPs, minn naħa, u t-TRs min-naħa l-oħra. Dawk il-prinċipji huma kumplimentati bi proċeduri speċifiċi, inklużi fit-taqsimiet 10 u 11 ta' dan ir-rapport finali, stabbiliti sabiex jiġi żgurat it-trasferiment fil-ħin u robust tad-dettalji tad-derivattivi.
11. Madankollu, dawn il-linji gwida ma jkoprox sitwazzjonijiet li ma jkunux jeħtieġu trasferiment tad-data, bħal kontropartijiet tar-rapportar li jkunu ddeċidew li jirrapportaw lil żewġ TRs jew aktar fl-istess ħin.

5 Konformità

12. Dan id-dokument jinkludi l-linji gwida maħruġin skont l-Artikolu 16 tar-Regolament tal-ESMA. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament tal-ESMA, l-awtoritajiet kompetenti u l-parteċipanti fis-swieq finanzjarji jeħtiġilhom jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw mal-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet.

6 Linji Gwida

1. Jenħtieġ li t-TR il-qadim u t-TR il-ġdid biss iwettqu t-trasferiment tad-data dwar id-derivattivi. Jenħtieġ li t-TR il-ġdid ma jaċċettax rapporti duplikati minn parteċipanti TR li jirrelataw ma' derivattivi soġġetti għal trasferiment. Jenħtieġ li t-TR il-qadim ma jaċċettax rapporti b'tipi ta' azzjoni "Kanċellazzjoni" u "Żball" li jsiru minn parteċipanti TR li jirrelataw ma' derivattivi soġġetti għal trasferiment.
2. Jenħtieġ li t-trasferiment tad-data jitwettaq mit-TRs skont pjan ta' migrazzjoni li jkun ġie miftiehem b'mod reċiproku. Jenħtieġ li l-pjan ta' migrazzjoni jinkludi pjan dettaljat (skeda ta' żmien) u deskrizzjoni tal-kontrolli meħtieġa implimentati sabiex jiġi żgurat it-trasferiment fil-ħin, komplut u preċiż tad-data.
3. Jenħtieġ li t-TRs jużaw mudell tal-pjan ta' migrazzjoni standardizzat li jkun ġie miftiehem b'mod reċiproku mit-TRs kollha u li jkun konformi mal-kontenut inkluż fil-Linja gwida 4.
4. Jenħtieġ li l-pjan ta' migrazzjoni jinkludi l-informazzjoni li ġejja:
 - i. Il-kamp ta' applikazzjoni tat-trasferiment tad-data (pereżempju l-parteċipant(i) TR, id-derivattivi involuti, eċċ.)
 - ii. Ir-rwoli u r-responsabbiltajiet dettaljati tal-entitajiet involuti.
 - iii. L-iskeda ta' żmien u l-miri rilevanti għat-trasferiment
 - iv. Il-kontrolli meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-kunfidenzjalità tad-data trasferita (pereżempju t-tip ta' kriptaġġ użat)
 - v. Il-kontrolli meħtieġa sabiex jiġu żgurati l-integrità u l-preċiżjoni tad-data trasferita (pereżempju checksums kriptografiċi u algoritmi ta' hashing)
 - vi. Il-kontrolli meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-operazzjonijiet kif ukoll l-istatus tar-rikonċilazzjoni fit-TR tad-derivattivi li jkunu qegħdin jiġu trasferiti
 - vii. Il-cut-off time u d-disponibbiltà tad-data
 - viii. Kwalunkwe informazzjoni oħra li ser tiffaċilita u tiżgura t-trasferiment bla xkiel tad-data.

5. Jenħtiegħ li t-TRs jittrasferixxu d-data lil xulxin billi jużaw il-format XML u l-mudell definit skont l-Artikolu 4 tal-RTS 151/2013 emendat. Minkejja dan, fil-każ ta' (i) derivattivi li ma jkunux pendenti fiż-żmien tat-trasferiment, (ii) derivattivi pendenti li ma jkunux ġew emendati wara d-data tal-applikazzjoni tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni 148/2013 emendat jew (iii) derivattivi li jkunu ġew miċħuda, it-TRs jistgħu jużaw fajls b'valuri mifrudin b'virgola (csv). Fil-fajls li ser jiġu trasferiti, jenħtiegħ li t-TR il-qadim jinkludi d-dettalji kollha rilevanti tad-derivattivi soġġetti għal trasferiment.
6. Jenħtiegħ li t-TRs jużaw protokollu sikuri bejn magna u oħra, inkluż il-Protokoll ta' Trasferiment tal-Fajl SSH, sabiex jittrasferixxu d-data bejniethom.
7. Jenħtiegħ li t-TRs jużaw protokollu avvanzati ta' kriptaġġ u jenħtiegħ li jiskambjaw il-kodiċijiet rilevanti pubbliċi ta' kriptaġġ mal-pari tagħhom. Sabiex jiżguraw il-funzjonament kontinwu tal-kriptaġġ tad-data, jenħtiegħ li t-TRs jittestjaw minn qabel li huma kapaċi jikkriptaw u jiddekriptaw il-fajls tad-data ta' kull wieħed minnhom.
8. Jenħtiegħ li t-TR il-qadim jikkalkula l-għadd ta' derivattivi u l-għadd ta' eventi taċ-ċiklu tal-ħajja korrispondenti li ser jiġu trasferiti fit-TR il-ġdid. Jenħtiegħ li t-TR il-qadim jitlob l-approvazzjoni finali tal-parteċipant TR tal-għadd relatat mad-derivattivi pendenti u jenħtiegħ li jsolvi d-diskrepanzi kollha mill-aktar fis possibbli u sa mhux aktar tard minn ħamest ijiem ta' xogħol.
9. Għal kull fajl ġenerat u trasferit, jenħtiegħ li t-TR il-qadim jiġġenera u jinkludi fit-trasferiment tad-data checksum kriptografika skont algoritmu ta' hashing li jkun ġie miftiehem b'mod reċiproku.
10. Jenħtiegħ li bħala prinċipju ġenerali, it-trasferiment tad-data mitlub minn parteċipant TR jitwettaq f'jum li fih ma jsirx xogħol. Madankollu, it-TR il-qadim u t-TR il-ġdid jistgħu jiftiehemu li jwettquh f'jum ta' xogħol skont il-volum mistenni tat-trasferiment.
11. Hekk kif it-trasferiment tad-derivattivi pendenti jiġi konfermat mit-TR il-ġdid, jenħtiegħ li t-TR il-qadim ma jaċċettax rapporti dwar eventi taċ-ċiklu tal-ħajja u jippożizzjona data li tirrelata mad-derivattivi soġġetti għal trasferiment fit-TR il-ġdid.
12. Sakemm jitlesta t-trasferiment tal-fajls kollha rilevanti soġġetti għat-trasferiment, jenħtiegħ li t-TR il-ġdid ma jaċċettax eventi taċ-ċiklu tal-ħajja u jippożizzjona data li tirrelata mad-derivattivi soġġetti għal trasferiment. Jenħtiegħ li d-data dwar id-derivattivi pendenti ssir disponibbli għall-awtoritajiet rilevanti mit-TR il-qadim.
13. Ladarba t-trasferiment tad-data jitlesta, jenħtiegħ li t-TR il-ġdid:
 - i. Jagħmel id-data disponibbli għall-awtoritajiet
 - ii. Jinkludi d-data soġġetta għal trasferiment fl-aggregazzjonijiet rilevanti pubbliċi u dawk għall-awtoritajiet biss.
 - iii. Jinkludi d-data fil-proċess ta' rikonċiljazzjoni fit-TR, kif applikabbli.

14. Wara t-trasferiment tar-reġistri ta' parteċipant TR f'TR ieħor, jenħtieġ li t-TR il-qadim ma jimponi l-ebda tariffa speċifika għaż-żamma tar-reġistri ta' derivattivi mhux pendenti.
15. F'każ li d-data kollha fil-kamp ta' applikazzjoni tal-pjan ta' migrazzjoni ma tkunx tista' tiġi trasferita f'daqqa, jenħtieġ li t-TRs jittrasferixxu d-data skont l-ordni li ġejja:
 - i. L-añħar stat tad-derivattivi pendenti riċevuti, jiġifieri l-"istat tat-tranżazzjonijiet";
 - ii. Ir-rapporti li jirrelataw mal-eventi taċ-ċiklu tal-ħajja applikabbli għad-derivattivi pendenti;
 - iii. Id-derivattivi terminati, kompressati u maturati kollha li għadhom soġġetti għar-rekwiżit skont l-Artikolu 80(3) tal-EMIR, flimkien mal-eventi rilevanti taċ-ċiklu tal-ħajja;
 - iv. Id-derivattivi żbaljati kollha li għadhom soġġetti għar-rekwiżit skont l-Artikolu 80(3) tal-EMIR flimkien mal-eventi rilevanti taċ-ċiklu tal-ħajja;
 - v. Id-derivattivi miċħuda kollha rapportati mill-parteeċipant TR u li ma għaddewx il-validazzjonijiet tad-data (f'każ li tiġi rtirata reġistrazzjoni biss; u
 - vi. Ir-reġistru tar-rapportar li jirreġistra r-raġuni jew ir-raġunijiet għal modifika, id-data, il-kronogramma u deskrizzjoni ċara tal-bidliet (inklużi l-kontenuti l-qodma u l-ġodda tad-data rilevanti) li jappartjenu għad-derivattivi li jiġu trasferiti.
16. F'każ li parteċipant TR jitlob trasferiment tad-data, jenħtieġ li t-TR il-qadim jiddetermina jekk xi wħud mid-derivattivi jew id-derivattivi kollha li jappartjenu għall-kontropartijiet li huma parteċipanti TR li ma jirrapportawx u li kienu rapportati mill-parteeċipant TR, għandhomx jiġu trasferiti fit-TR il-ġdid.
17. Meta, f'każ ta' trasferiment tad-data mitlub minn parteċipant TR, parteċipant TR li ma jirrapportax jiddeċiedi li jibqgħa' bit-TR il-qadim minkejja li l-parteeċipant TR tar-rapportar tiegħu jkun talab trasferiment f'TR ieħor, jenħtieġ li t-TR il-qadim ineħħi d-derivattivi sottomessi f'isem il-parteeċipant TR li ma jirrapportax mid-derivattivi li jiġu trasferiti.
18. F'każ li parteċipant TR jitlob trasferiment tad-data, u meta r-reġistrazzjoni tat-TR il-qadim la tkun ġiet irtirata u lanqas ma tkun fil-proċess li tiġi rtirata, jenħtieġ li mill-inqas il-kamp ta' applikazzjoni tad-data jinkludi:
 - i. Id-derivattivi pendenti kollha tal-parteeċipant TR jew meta parteċipant TR ikun RSE, id-derivattivi tal-klijenti tal-parteeċipant TR li jkunu kkonfermaw lill-parteeċipant TR l-aċċettazzjoni tagħhom għat-trasferiment tad-derivattivi f'TR ieħor;
 - ii. Kwalunkwe event taċ-ċiklu tal-ħajja, bħal modifiki, valutazzjonijiet eċċ., li jappartjenu għad-derivattivi pendenti; u

iii. Ir-reġistru tar-rapportar li jappartjeni għad-derivattivi li jiġu trasferiti.

Jenħtieġ li d-data skont il-punti i u ii tiġi trasferita f'daqqa fuq bażi tal-añjar sforzi.

19. F'każ li parteċipant TR jitlob trasferiment tad-data, jenħtieġ li l-proċess deskritt f'Anness I Proċedura għal trasferiment fuq talba ta' parteċipant TR jiġi segwit mit-TR il-qadim kif ukoll mit-TR il-ġdid. Jenħtieġ li t-TRs jilħqu ftehim dwar il-pjan ta' migrazzjoni għat-trasferiment tad-data ta' parteċipant TR partikolari mill-aktar fis possibbli u sa mhux aktar tard minn ħamest ijiem ta' xogħol wara li tasal it-talba.
20. F'każ li parteċipant TR jitlob trasferiment tad-data, eżatt wara li d-derivattivi pendenti ta' parteċipant TR jiġu trasferiti fit-TR il-ġdid, jenħtieġ li t-TR il-ġdid jikkonferma dan lill-parteċipant TR, lill-parteċipant TR il-qadim, lill-bqija tat-TRs u lill-awtoritajiet rilevanti li jaċċessaw id-derivattivi rapportati mill-parteċipant TR.
21. F'każ li parteċipant TR jitlob trasferiment tad-data, jenħtieġ li t-TR il-qadim iżomm id-data trasferita iżolata u sikura, billi japplika l-istess politiki, proċeduri u salvagwardji taż-żamma tar-reġistri għad-data trasferita bħall-bqija tad-data dwar id-derivattivi rapportata lil dak it-TR, għal mill-inqas tliet xhur u jenħtieġ li jiżgura li d-data tiġi rkuprata sa mhux aktar tard minn sebat ijiem kalendarji.
22. F'każ li parteċipant TR jitlob trasferiment, jenħtieġ li kwalunkwe tariffa imposta mit-TR il-qadim jew mit-TR il-ġdid tkun relatata mal-kost, mhux diskriminatorja u tkun inkluża fl-iskeda tat-tariffi tat-TRs rilevanti, li ssir disponibbli għall-pubbliku.
23. F'każ li tiġi rtirata reġistrazzjoni ta' TR, jenħtieġ li t-trasferiment tad-data jinkludi d-dettalji kollha tad-derivattivi rapportati lit-TR, inklużi dawk li ġew miċħuda, flimkien mar-reġistru tar-rapportar rilevanti. Jenħtieġ li jiġi segwit l-ordni tat-trasferiment tad-data stabbilit fil-Linja Gwida 15.
24. F'każ li tiġi rtirata reġistrazzjoni ta' TR, jenħtieġ li l-pjan(ijiet) ta' migrazzjoni għal trasferiment tad-data jiġi(u) inkluż(i) bħala parti mill-pjan ta' stralċ ippreżentat mit-TR.
25. Meta t-trasferiment tad-data jkun relatat mal-irtirar ta' reġistrazzjoni ta' TR, jenħtieġ li l-proċedura inkluża fl-Anness II - Proċedura għal migrazzjoni f'każ li tiġi rtirata reġistrazzjoni tiġi segwita mit-TR il-qadim u mit-TR il-ġdid. Jenħtieġ li l-ordni tat-trasferiment tad-data inkluż fil-Linja Gwida 15 jiġi segwit kif xieraq. Jenħtieġ li t-TR il-qadim, jiġifieri dak li r-reġistrazzjoni tiegħu għandha tiġi rtirata, jipprovdi lill-ESMA biżżejjed evidenza li t-trasferimenti kollha kienu ta' suċċess.
26. F'każ li tiġi rtirata reġistrazzjoni fuq talba ta' TR, jenħtieġ li dan jinnotifika lill-ESMA bil-quddiem dwar id-data maħsuba għall-waqfien tal-operazzjonijiet u jenħtieġ li mbagħad jinnotifika b'mod immedjat lill-parteċipanti TR u lill-NCAs rilevanti. Fir-rigward ta' TRs b'aktar minn 500 parteċipant TR, jenħtieġ li l-avviż bil-quddiem ikun ta' mill-inqas disa' xhur, filwaqt li jenħtieġ li fir-rigward ta' TRs b'inqas minn 500 parteċipant TR, l-avviż bil-quddiem ikun ta' mill-inqas sitt xhur.

27. F'każ li tiġi rtirata reġistrazzjoni, ladarba t-trasferiment(i) jitlesta(jitlestew), jenħtieġ li t-TR il-ġdid jikkonferma dan lill-parteciċipanti TR, lit-TRs kollha li jifdal u lill-NCAs rispettivi.
28. F'każ li tiġi rtirata reġistrazzjoni, jenħtieġ li t-TR il-qadim iżomm id-data trasferita iżolata u sikura, billi japplika l-istess politiki, proċeduri u salvagwardji taż-żamma tar-reġistri għad-data trasferita bħall-bqija tad-data, sad-data tal-waqfien attwali tal-operazzjonijiet u jenħtieġ li jiżgura li d-data tiġi rkuprata fil-ħin sa mhux aktar tard minn sebat ijiem kalendarji. Fid-data tal-waqfien attwali tal-operazzjonijiet, jenħtieġ li t-TR il-qadim jeqred/iħassar b'mod sikur, skont il-prattiki ewlenin u l-aktar tekniki affidabbli disponibbli, filwaqt li jiżgura li wara dik id-data, id-data ma tkunx tista' titħassar jew tiġi rkuprata.
29. F'każ li tiġi rtirata reġistrazzjoni, jenħtieġ li l-ebda TR ma jimponi tariffi għat-trasferiment tad-data.

7 Anness I – Proċedura għat-trasferiment ta' data fuq talba ta' parteciċipant TR

A. Ippjanar u tnejnija
<p>Wara li jiffirma l-ftehim kuntrattwali rilevanti mal-parteciċipant TR, it-TR il-ġdid jikkomunika lit-TR il-qadim il-pjan ta' migrazzjoni elaborat skont il-Linja Gwida 3 u jilħaq ftehim dwaru.</p> <p>It-TR il-ġdid jinnotifika lill-awtoritajiet rilevanti dwar it-trasferiment permezz ta' ittra elettronika.</p>
<p>It-TR il-qadim jiddetermina u jilħaq ftehim mal-parteciċipant TR fir-rigward tal-informazzjoni aggregata li ġejja dwar id-derivattivi tal-parteciċipant TR soġġett għal trasferiment:</p> <ul style="list-style-type: none"> ○ L-għadd totali ta' derivattivi pendenti ○ L-għadd totali ta' rapporti li jirrelataw mal-eventi taċ-ċiklu tal-ħajja ta' dawn id-derivattivi ○ L-għadd totali ta' reġistri li jirrelataw ma' derivattivi terminati, kompressati u maturati (f'każ li dawn jiġu trasferiti) ○ L-għadd totali ta' reġistri li jirrelataw ma' derivattivi żbaljati (f'każ li dawn jiġu trasferiti)
<p>Jenħtieġ li t-TR il-qadim jitlob il-konferma tal-parteciċipant TR tal-preċiżjoni tal-informazzjoni t'hawn fuq fir-rigward tar-reġistri proprji tal-parteciċipant TR.⁵ F'każ ta' diskrepanza, jenħtieġ li t-TR il-qadim jirrikonċilja l-għadd rilevanti mal-parteciċipant TR u jilħaq ftehim dwar il-lista finali ta' rapporti tad-derivattivi li ser jiġu migrati. Jenħtieġ li t-TR il-qadim jelimina d-diskrepanzi kollha mill-aktar fis possibbli u sa mhux aktar tard minn ħamest ijiem ta' xogħol.</p>

⁵ Skont l-Artikolu 9.2 tal-EMIR "Il-kontropartijiet għandhom iżommu rekord ta' kwalunkwe kuntratt tad-derivati li jkunu kkonkludew u kwalunkwe modifika mill-inqas għal ħames snin wara t-terminazzjoni tal-kuntratt." F'każ li parteciċipant TR li jirrapporta, jirrapporta f'isem persuni oħrajn, jenħtieġ li dan juża wkoll ir-reġistri tagħhom.

<p>B. It-twettiq ta' trasferiment</p>
<p>Ladarba jiġi konfermat l-għadd tad-derivattivi u tar-reġistri, jenħtieġ li t-TR il-qadim jipproċedi billi jiġġenera l-fajl(s) rilevanti skont il-Linja Gwida 5 u l-prinċipji ġeneriċi rilevanti.</p>
<p>It-TRs il-qodma u l-ġodda jeżegwixxu l-pjan ta' migrazzjoni. Jenħtieġ li t-TR il-qadim jittrasferixxi l-fajls ġenerati fit-TR il-ġdid li jirrikonoxxi t-trasferiment tal-fajl.</p> <p>F'każ li l-volum tal-fajls ikun jista' jiġi ġestit, jenħtieġ li t-TR il-qadim jittrasferixxi fl-istess fin il-fajl(s) tad-derivattivi pendenti kif ukoll il-fajl(s) tal-attività taċ-ċiklu tal-ħajja korrispondenti.</p> <p>F'każ li l-volum tal-fajls ma jippermettix it-trasferiment simultanju, jenħtieġ li tiġi segwita s-sekwenza inkluża fil-Linja Gwida 15.</p> <p>F'dan ir-rigward, jenħtieġ li d-derivattivi pendenti jiġu trasferiti fi tmiem il-ġimgħa li jkun ġie determinat minn qabel, filwaqt li eventi taċ-ċiklu tal-ħajja jiġu trasferiti mill-aktar fis possibbli fi ħdan il-ġimgħa kalendarja li jkun imiss.</p>
<p>C. Verifika tad-data trasferita</p>
<p>Jenħtieġ li t-TR il-ġdid jiddetermina ċ-ċifri u l-informazzjoni li ġejjin għar-reġistri riċevuti u jivverifika t-tlestija tat-trasferiment:</p> <ul style="list-style-type: none"> ○ L-aħħar stat tad-derivattivi pendenti riċevuti, jiġifieri l-“istat tat-tranżazzjonijiet” ○ L-għadd totali ta' derivattivi pendenti ○ L-għadd totali ta' reġistri li jirrelataw mal-eventi taċ-ċiklu tal-ħajja li jikkorrispondu għad-derivattivi pendenti ○ L-għadd totali ta' reġistri li jirrelataw ma' derivattivi terminati, kompressati u maturati (f'każ li dawn jiġu trasferiti) ○ L-għadd totali ta' reġistri li jirrelataw ma' derivattivi żbaljati (f'każ li dawn jiġu trasferiti)
<p>Jenħtieġ li t-TR il-ġdid jitlob il-konferma tal-parteċipant TR tal-preċiżjoni tal-informazzjoni t'hawn fuq fir-rigward tar-reġistri proprji tal-parteċipant TR⁶. F'każ ta' diskrepanza, jenħtieġ li ż-żewġ TRs jippruvaw jirrikonċiljaw l-għadd rilevanti mal-parteċipant TR sakemm jintlaħaq ftehim.</p>
<p>D. Notifiki finali</p>
<p>Jenħtieġ li t-TR il-ġdid jinforma lit-TRs kollha li l-parteċipant li jirrapporta qaleb għalih. Jenħtieġ li din l-informazzjoni tintuża sabiex jiġi faċilitat il-proċess ta' rikonċiljazzjoni għad-derivattivi rilevanti li ġew migrati fit-TR il-ġdid.</p>
<p>Jenħtieġ li t-TR il-ġdid jinforma lill-NCA(s) rilevanti u lill-ESMA dwar it-tlestija tat-trasferiment tad-data tal-parteċipant TR u jidentifika t-tipi ta' derivattivi involuti.</p>
<p>E. Iż-żamma ta' reġistri u t-ħassir sikur tad-data</p>
<p>Jenħtieġ li t-TR il-qadim ineħħi d-derivattivi pendenti migrati minn kwalunkwe aggregazzjoni tad-data.</p>

⁶ Skont l-Artikolu 9.2 tal-EMIR “Il-kontropartijiet għandhom iżommu rekord ta' kwalunkwe kuntratt tad-derivati li jkunu kkonkludew u kwalunkwe modifika mill-inqas għal ħames snin wara t-terminazzjoni tal-kuntratt.” F'każ li parteċipant TR li jirrapporta, jirrapporta f'isem persuni oħrajn, jenħtieġ li dan juża wkoll ir-reġistri tagħhom.

Jenħtiegħ li t-TR il-qadim iżomm id-data trasferita għall-perjodu ta' żmien preskritt mill-prinċipji ġenerali u skont ir-rekwiżiti tal-EMIR bħal qabel it-trasferiment.
Jenħtiegħ li t-TR il-qadim iżomm ir-regjistru ta' rapportar għal mill-inqas 10 snin wara t-terminazzjoni tal-kuntratti rilevanti.
It-TR il-qadim ser jeqred/iħassar id-data trasferita meta dan ikun permess mill-prinċipji ġenerali rilevanti li ġejjin għal tħassir/qerda sikuri.

8 Anness II – Proċedura għal migrazzjoni f'każ li tiġi rtirata reġistrazzjoni

A. Notifiki inizjali
<p>(Irtirar volontarju) It-TR jinnotifika lill-ESMA, lill-parteċipanti TR, lil TRs u NCAs oħrajn involuti dwar it-talba tiegħu biex jirtira r-reġistrazzjoni tiegħu mill-inqas qabel (skont il-Linja Gwida 25) id-data maħsuba għall-waqfien tal-operazzjonijiet (f'każ li l-irtirar jintalab mit-TR).</p> <p>Jew</p> <p>(Irtirar mhux volontarju) L-ESMA tinnotifika lit-TR(s) il-ġdid(ġodda) u lill-NCAs li jenħtiegħ li t-TR(s) il-ġdid(ġodda) jirċievu data li oriġinarjament ġiet rapportata lit-TR il-qadim (f'każ li l-irtirar ma jintalabx mit-TR)</p>
B. Ippjanar u tħejjija
<p>It-TR il-qadim jinforma lill-parteċipanti TR dwar il-ħsieb tiegħu li jwaqqaf l-operazzjonijiet. It-TR(s) iħejji(u) l-pjan ta' migrazzjoni, kif dettaljat fil-Linja Gwida 3 u jissottomettuh lill-ESMA u lit-TR(s) il-ġdid(ġodda). L-ESMA u t-TRs l-oħrajn involuti jqajmu kwalunkwe oġġezzjoni jew tħassib potenzjali u wara li jsolvuhom il-partijiet kollha jilħqu ftehim dwar id-dettalji tal-pjan ta' migrazzjoni.</p> <p>It-TR il-qadim jidentifika d-derivattivi soġġetti għal trasferiment u jipprovdli lill-ESMA u lit-TRs l-oħrajn involuti (bħala parti mill-pjan ta' migrazzjoni jew b'mod separat) l-informazzjoni li ġejja dwar id-derivattivi soġġetti għal trasferiment għal kull TR:</p> <ul style="list-style-type: none"> ○ L-għadd totali ta' derivattivi pendenti ○ L-għadd totali ta' reġistri li jirrelataw mal-eventi taċ-ċiklu tal-ħajja li jikkorrispondu għad-derivattivi pendenti ○ L-għadd totali ta' reġistri li jirrelataw ma' derivattivi terminati, kompressati u maturati ○ L-għadd totali ta' reġistri li jirrelataw mad-derivattivi żbaljati ○ L-għadd ta' entrati ta' reġistri ta' rapportar
C. It-twettiq ta' trasferiment
<p>Ladarba jiġi konfermat l-għadd tad-derivattivi u tar-reġistri, jenħtiegħ li t-TR il-qadim jipproċedi billi jiġġenera l-fajl(s) rilevanti skont il-Linja Gwida 5.</p> <p>It-TR il-qadim u t-TR(s) il-ġdid(ġodda) jeżegwixxi(u) l-pjan ta' migrazzjoni. Il-fajls ġenerati jiġu trasferiti mit-TR il-qadim għat-TR(s) il-ġdid(ġodda) li jirrikonoxxi(u) kull trasferiment.</p>

<p>Tiġi segwita l-prijoritizzazzjoni tas-sekwenza tad-derivattivi u r-reġistri inkluża fil-Linja Gwida 15.</p> <p>Jekk possibbli, jenħtieġ li d-derivattivi pendenti jiġu trasferiti matul u fi tmiem il-ġimgħa, filwaqt li l-eventi taċ-ċiklu tal-ħajja u l-valutazzjonijiet/il-kollaterali jiġu trasferiti mill-aktar fis possibbli u sa mhux aktar tard mill-ġimgħa ta' wara.</p> <p>Jekk ma jkunx possibbli, imbagħad jenħtieġ li d-derivattivi pendenti jiġu segmentati, għal kull parteċipant TR, f'żewġ lottijiet jew aktar li għandhom jiġu trasferiti matul tmiem il-ġimgħa konsegwenti. Jenħtieġ li l-eventi taċ-ċiklu tal-ħajja korrispondenti għal kull lott jiġu trasferiti mill-aktar fis possibbli u sa mhux aktar tard minn tmiem il-ġimgħa ta' wara t-trasferiment tal-lott tad-derivattivi pendenti rilevanti.</p>
<p>Jenħtieġ li d-derivattivi li jifdal jiġu trasferiti malajr kemm jista' jkun fi żmien xahar wara li jiġi konkluż it-trasferiment tad-derivattivi pendenti.</p> <p>Kwalunkwe kwistjoni identifikata u l-progress li jkun sar jiġu rapportati b'mod regolari lill-ESMA fil-ħin.</p>
<p>D. Il-verifika ta' trasferiment tad-data</p>
<p>Jenħtieġ li t-TR(s) il-ġdid(ġodda) jiddetermina(w) iċ-ċifri u l-informazzjoni li ġejjin għar-reġistri riċevuti u jivverifika(w) it-tlestija tat-trasferiment:</p> <ul style="list-style-type: none"> ○ L-aħħar stat tad-derivattivi pendenti riċevuti, jiġifieri l-“istat tat-tranżazzjonijiet” ○ L-għadd totali ta' derivattivi pendenti ○ L-għadd totali ta' reġistri li jirrelataw mal-eventi taċ-ċiklu tal-ħajja li jikkorrispondu għad-derivattivi pendenti ○ L-għadd totali ta' reġistri li jirrelataw ma' derivattivi terminati, kompressati u maturati ○ L-għadd totali ta' reġistri li jirrelataw mad-derivattivi żbaljati ○ L-għadd ta' entrati ta' reġistri ta' rapportar
<p>Jenħtieġ li t-TRs il-ġodda jinnotifikaw lill-ESMA u lit-TR il-qadim dwar ir-riżultat tal-verifika. F'każ ta' nuqqas ta' verifika, il-kawża prinċipali tiġi investigata miż-żewġ partijiet (TRs qodma u TRs ġodda) u l-proċess tat-trasferiment jiġi ripetut sakemm it-trasferiment tad-data jkun ta' suċċess.</p>
<p>E. Notifiki finali</p>
<p>Jenħtieġ li t-TRs il-ġodda jinnotifikaw lill-parteċipanti TR rilevanti, lit-TRs kollha li jifdal u lill-NCAs rispettivi (permezz ta' ittra elettronika) dwar il-konklużjoni b' suċċess tat-trasferiment.</p>
<p>F. Iż-żamma ta' reġistri u t-ħassir sikur tad-data</p>
<p>Jenħtieġ li t-TR il-qadim iżomm id-data trasferita għall-perjodu ta' żmien indikat fil-Linja Gwida 28 u skont ir-rekwiżiti tal-EMIR bħal qabel it-trasferiment.</p>
<p>Jenħtieġ li t-TR il-qadim jeqred/iħassar id-data trasferita meta dan ikun permess u f'konformità mal-prinċipji rilevanti għal tħassir/qerda sikuri inklużi fil-Linja Gwida 28.</p>